MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2521/1997/1

**Geoffrey Debattista.**

**vs**

**Anthony u Lilian konjugi Tanti.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur biegh u ttrasferixxa lill-konvenuti l-mutur tal-marka Shadow Honda bin-numru ta' registrazzjoni Q-51O2 (M);

Illi ghal dan il-bejgh il-konvenut Anthony Tanti obbliga ruhu li jhallas lill-attur billi jaghtih sustanzi illeciti ghall-konsum personali tieghu;

Illi ghalhekk il-kuntratt huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi peress li ghandu kawza illecita;

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta’ bejgh baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jittiehdu dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-bejgh tal-mutur tal-marka Honda Shadow bin-numru ta’ registrazzjoni numru Q-5102M huwa null u minghajr ebda effett ghar-raguni fuq imsemmija u tordna r-rexxissjoni ta’ l-istess;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jroddu lura lill-attur il-mutur tal-marka Honda Shadow bin-numru tar-registrazzjoni Q-5102M

3. Fin-nuqqas tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata mill-Qorti, jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi, in lineja ta’ danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-**konvenuta** Lilian Tanti tat-18 ta’ Gunju 1998 a fol. 9 fejn gie eccepit:

(1) Illi kontrarjament ghal dak li hemm allegat, il-konvenuta Lilian Tanti m’ghamlet ebda kuntatt in konnessjoni mal-mutur tal-marka Shadow Honda, Nru. G-5102(M) ma’ l-attur, li bih kellu bhala korrispettiv.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-**konvenuta** Lilian Tanti u l-lista tax-xhieda ta’ l-istess konvenuta a fol. 10 tal-process;

Rat in-nota tal-**konvenut** Anthony Tanti tat-18 ta’ Gunju 1998 fejn iddikjara li jinsab rikoverat l-isptar u ghalhekk ma jistax jipprezenta u jahlef bil-gurament in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat il-verbali tas-26 ta’ Gunju 1998, ta’ l-1 ta’ Dicembru 1998 fejn il-kawza giet differita sabiex il-konvenut jirregola ruhu dwar l-ewwel eccezzjoni; tad-29 ta’ Jannar 1999 fejn Dr. Ellul ta ruhu b’notifikat bir-rikors tas-27 ta’ Jannar 1999; ta’ l-4 ta’ Marzu 1999; tat-22 ta’ Gunju 1999 fejn l-attur talab li jipprezenta nota t’osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba; tas-17 ta’ Novembru 1999; tas-6 ta’ Dicembru 1999 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut; tat-3 ta’ Frar 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni peress li l-Qorti kellha bzonn kjariment biex tasal ghall-prolazzjoni tas-sentenza; tat-22 ta’ Frar 2000 fejn il-Qorti tat il-fakolta` lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda tieghu bl-affidavits; tas-6 t’April 2000; ta’ l-20 ta’ Gunju 2000; tad-9 ta’ Novembru 2000 fejn xehed l-**Ispettur Neil Harrison**; tas-7 ta’ Marzu 2001; tat-23 ta’ Mejju 2001 fejn xehdu l-**Ispettur Neil Harrison** u **Brian Farrugia**, li x-xhieda tieghu ma gietx registrata; ta’ l-10 ta’ Lulju 2001; tat-13 ta’ Novembru 2001 fejn xehed **Manfred Galea** u kellu jerga` jixhed Brian Farrugia li baqa` ma deherx u l-Qorti sabitu hati ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti; tal-15 ta’ Jannar 2002 fejn xehed **Brian Farrugia**; tat-22 ta’ Marzu 2002 fejn il-Qorti tiddikjara l-provi maghluqa; tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Dicembru 2002.
Rat in-nota ta’ l-**eccezzjonijiet tal-konvenut** Anthony Tanti tat-30 ta’ Novembru 2002 a fol. 14 fejn gie eccepit:

I. Illi fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ nteress guridiku ta’ l-attur jekk dak minnu allegat fil-premessi tac-citazzjoni huwa minnu.

2. Illi fit-tieni lok jigi rilevat li l-mutur in kwistjoni illum jinsab esebit fl-atti tal-proceduri fl-ismijiet **“Republika ta’**

**Malta vs Anthony Tanti et"** (Att t' Akkuza Nat. 2/96) bil-konsegwenzi guridici li dan igib mieghu.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija preskritta u dan tenut ta' l-**Artikolu 1222. 1224 u 2153 ta' Kap 16.**

4. Illi fir-raba` lok it-talbiet u minghajr pregudizzju ghas-suespost attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-bejgh sar b'mod legittimu.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-**konvenut** Anthony Tanti a fol. 15 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 15;

Rat ir-rikors tal-**konvenut** Anthony Tanti tas-27 ta' Jannar 1999 fejn talab lill-Qorti sabiex tawtorizzah jipprezenta nota t'eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-risposta ta' l-**attur** tat-2 ta' Frar 1999;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Marzu 1999 fejn il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat lil Anthony Tanti sabiex jipprezenta nota t'eccezzjonijiet ulterjuri fi zmien ghaxart ijiem;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-**konvenut** Anthony Tanti (a fol. 22) fejn ecceppixxa li:-

(1) Illi l-azzjoni promossa mill-attur hija bbazata fuq kawza illecita.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-**konvenut** a fol. 22 u 23 tal-process;

Rat in-**nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur** tat-13 t'Awissu 1999 a fol. 26;

Rat in-nota ta’ l-**attur** tas-7 t’April 2000 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess;

Rat ix-xhieda ta’ l-**Ispettur Neil Harrison** a fol. 51 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-**attur** tal-21 ta’ Novembru 2000 fejn permezz taghha pprezenta kopja tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet **“Ir-Repubblika vs Anthony sive Twanny Tanti”** u kopja ta’ skrittura datata 2 ta’ Gunju 1994;

Rat ir-rikors ta’ l-**attur** tat-8 ta’ Mejju 2001 fejn talab differiment *stante* li d-difensur tieghu se tkun imsiefra dakinhar tas-seduta;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Mejju 2001 fejn il-Qorti tichad it-talba attrici bl-iskop biss li jinstemghu ix-xhieda ngunti b’rizerva ta’ kontro-ezami;

Rat ix-xhieda ta’ **l-Ispettur Neil Harrison** (a fol. 101) u ta’ **Manfred Galea** (a fol. 109) u ta’ **Brian Farrugia** (a fol. 115);

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Gunju 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu stess, l-**attur** jghid:-

*“Illi jiena lil Anthony Tanti kont sirt nafu f’appartament li fih kien joqghod certu Alfred Sammut maghruf bhala l-‘limestone’. Hemmhekk kont niltaqa’ ma’ dan Sammut biex niehdu d-droga flimkien.*

*Illi nghid li Anthony Tanti kien jigi l-appartament u jghaddi droga lil dan Sammut li minn naha tieghu mbaghad kien ibieghha u jzomm minnha ghalih. Nghid li m’ Anthony Tanti ltqajt xi tlett darbiet f’dan l-appartament. Ghall-ewwel darbtejn kienu jinghalqu f’kamra. Imbaghad kien introducieni mieghu u qalli li kien is-supplier tieghu u jbieghlu d-droga.*

*Illi niftakar li kont iltqajt darba mieghu, b’kumbinazzjoni, hdejn il-Kazin tal-Labour, San Giljan u kien talabni biex nibda` nbieghlu d-droga ghaliex qalli li jiena kont inkun ma’ Alfred Sammut u li kont naf in-nies lil min kien ibiegh id-droga. Qalli li dan Sammut kellu jaghtih il-flus u li xtaq li nibda naqdih jiena.*

*Illi jiena kont dipendenti fuq id-droga u kelli bzonn li ndahhal il-flus biex naghmel tajjeb ghal dan il-vizzju, jien accettajt l-proposta ta’ Tanti. Ftehmna li hu jaghtini d-droga bid-dejn, jiena nbieghha u nhallsu lura.*

*Illi bhala droga kien jaghtini borza bil-kokaina fiha u mbaghad inqassamha jiena. Jiena nigbor il-flus u mill-flus li nigbor inhallas lura lil Tanti. Nghid li minn kull gramma droga jiena kont niehu qisu 0.3 gramma minn kull pakkett ghall-konsum personali tieghi.*

*Illi kien hemm darba minnhom meta l-konsenja li kien tani Anthony Tanti kont ikkunsmajtha kollha jiena. Dan wara li saritli hsara fuq il-mutur tieghi tal-marka Honda Shadow bin-numru G-5102. Niftakar li dan kien pakkett ta’ madwar ghoxrin gramma kokaina. Nghid li Anthony Tanti wara xi tlett ijiem beda jitlobni elf u erba’ mitt lira Maltija (Lml,400) ta’ din il-konsenja.*

*Illi ghalkemm ghalija l-valur kellu jkun inqas, bzajt minnu peress li ma kellix biex inhallsu u ghidtlu li kif inbiegh il-mutur inhallsu l-flus. Tanti qalli li kien ser jaghtini zmien*

*biex nilhaq inbiegh il-mutur u kelli nhallsu. Nghid ukoll li sa llum il-gurnata l-mutur ghadu registrat fuq ismi.*

*Illi l-ghada cempilli d-dar u Anthony Tanti ppropnieli biex nitrasferilu l-mutur, jitnaqqas l-ammont li kelli ntih u jaghtini d-differenza fi droga. Jiena qbilt ma' din il-proposta u ftehmna fuq prezz ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500). Kellu wkoll jibqa' jhallas id-dejn li kien fadal fuq il-mutur, liema dejn qatt ma thallas u komplejt inhallsu jiena bl-ghajnuna ta' missieri.*

*Illi kif diga' ghidt l-unika haga li rcevejt minghand Anthony Tanti ghall-mutur kienet droga. Jiena ma rcevejt ebda ammont ta' flus.*

*Illi nikkonferma li jiena tajtu l-mutur u hu tani tletin (30) gramma ohra kokaina, li spiccajna nikkunsmawha jiena u hbieb tieghi. Dan in-negozju kien sar fil-vann ta' Anthony Tanti quddiem id-dar tieghu. Prezenti kien hemm Alfred Sammut. Niftakar li l-mutur hallejtu warajja u Anthony Tanti wassalni lura d-dar.*
*0*
*Illi nikkonferma wkoli li n-negozju kien sar fil-bidu ta' Gunju 1994 u kienet saret skrittura ta' bejgh.*

*Illi nghid li jiena kont fhimt li d-droga li kien tani Anthony Tanti kienet pura, kif kien jaghtini qabel. Wara rrizulta li t-tletin gramma li tani kienet maqtugha b'tahlita ohra, u meta giet msajra rrizulta li kien tani biss ghaxar grammi ta' droga pura.*

*Illi nghid li wara dan in-negozju Anthony Tanti ma baqax jaghtini droga bid-dejn. Kien ibieghli bil-flus biss. Jiena kont pero` bqajt xi xahrejn ohra nixtri d-droga minghandu. Fil-fatt kont nigbor il-flus minghand in-nies li kienu jridu jixtru d-droga, u mbaghad immur nixtriha minghand Anthony Tanti. Jiena kont incempillu fuq il-mobile tieghu u konna niltaqghu jew hdejn id-dar tieghu, jew f'San Giljan.*

*Illi ftit xhur wara jiena ngbart mill-Pulizja u ghamilt statement fejn ammettejt kollox.  L-Ispettur li nvestiga l-kaz kien Neil Harrison."*

Illi fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2000 xehed ukoll l-Ispettur Neil Harrison li sostna li minn investigazzjonijiet li ghamel, irrizulta li l-mutur *de quo* kien proprjeta’ ta’ l-attur, pero’ fiz-zmien meta l-istess elevat mill-Pulizija fis-17 ta’ Novembru 1994, il-licenzja ta’ l-istess ma kenitx giet imhallsa u lanqas imgedda. Fil-fatt f’dik il-gurnata l-Pulizija kienet ghamlet *raid* fir-residenza tal-familja Tanti gjo 21, B’Kara Hill, San Giljan, b’konnessjoni mad-droga u fil-fatt kienu sabu xi droga u wkoll elevaw dokument li kien miktub fejn kien hemm indikat li l-istess mutur kien inbiegh mill-attur lil Twanny Tanti bil-prezz ta’ elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) li kienu thallsu in kontanti. Din l-iskrittura kienet iffirmata mill-istess attur u Twanny Tanti, u Alfred Sammut bhala xhud u l-istess xhud gharaf l-istess kopja ta’ l-iskrittura li tinsab esebita bhala Dok. “NH 1” a fol. 87 tal-process.

Illi l-istess xhud kompla jinvestiga dwar l-istess u l-attur qallu li huwa kien ibiegh id-droga li jiehu minghand l-istess konvenut Twanny Tanti u jbieghha hu. Kien akkumula dejn ma’ l-istess konvenut li kien jammonta ghal elf, u mitt lira Maltija (Lm1,100) u peress li l-attur ma kellux flus biex ihallas lilll-konvenut Twanny Tanti,minflok ftehmu li l-attur ibiegh lill-konvenut il-mutur bil-prezz ta’ elfen u hames mitt lira Maltija (Lm2,500), minnhom jitnaqqsu l-ammont ta’ elf u mitt lira Maltija (Lm1,100) li l-istess attur kellu jtih fuq in-negozju ta’ bejniethom fuq id-droga, Il-bilanc kellu jithallas permezz ta’ konsenja ta’ tletin (30) gramma kokaina lill-attur. Fil-karta esebita jinsab biss indikat il-prezz u li dan thallas *f’cash.* It-transfer ma lahaqx sar sakemm l-istess mutur kien elevat mill-Pulizija.

Illi l-istess Pulizija avvicinaw lil Alfred Sammut izda dan qal biss li quddiemu ma kenux thallsu flus ghall-istess bejgh, u dan ix-xhud kien maghruf mal-Pulizija fuq id-droga. Il-konvenut kien sostna li l-istess mutur kien xtrah, u qal li kien hallsu in kontanti u wera l-iskrittura bhala prova. L-istess mutur gie esebit fl-azzjoni kriminali kontra l-familja Tanti u l-istess mutur gie sekwestrat b’sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali, li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali.

Illi giet esebita wkoll is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datata 15 ta' April 1999 fl-ismijiet **"Ir-Repubblika vs Anthony sive Twanny Tanti et"** (A.K. (JSP) – Att ta' Akkuza Numru 2/96) a fol. 70 tal-process, fejn giet kkonfermata s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' April 1997 fejn *inter alia* l-konvenut Twanny Tanti gie misjub hati li forna w ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina bi ksur tal-ligi b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u dan skond l-ewwel Kap. tal-Att ta' Akkuza, u sabet lil-istess konvenut hati wkoll ta' pussess ta' droga skond it-tieni att ta' akkuza, u gew ikkonfiskati wkoll il-mobbli proprjeta' ta' l-istess konvenut.

Illi giet esebita wkoll l-istqarrija li l-attur ghamel lill-Pulizija fid-19 ta' Dicembru 1994 a fol. 94 tal-process; dik ta' Twanny Tanti maghmula fid-19 ta' Novembru 1994 a fol. 96 tal-process; u dik ta' Alfred Sammut a fol. 98 tal-process.

Illi xehed Manfred Galea ghan-nom tas-socjeta' Mira Motors Limited li xehed fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2001, li l-istess mutur kien inxtara mill-attur u kien thallas minnu.

Illi fil-15 ta' Jannar 2002 xehed Brian Farrugia mid-Dipartiment tal-Licensing u Testing u sostna li dan il-mutur kien registrat fuq l-attur mit-2 ta' Ottubru 1992.

## ii) <u>Apprezzament Tal-Provi.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kienet saret skrittura privata bejn l-attur u l-konvenut, Anthony Tanti, datata 2 ta' Gunju 1994, fejn inghad li l-attur kien biegh lill-imsemmi konvenut, il-mutur mertu tal-kawza odjerna, verso il-prezz ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) liema ammont inghad li thallas fi flus kontanti, b'dan li kull responsabilita' dwar dejn li kien hemm fuq l-istess mutur kellha tigi assunta mill-kompratur, inkluz kull dannu li seta`

jigi soffert mill-istess. Din l-iskrittura saret bix-xhieda ta' certu Alfred Sammut.
Illi pero' jirrizulta b'mod konvincenti mill-provi prodotti li in verita' l-konvenut ma hallas l-ebda ammont ta' flus in kontanti, izda li gara kien li peress li l-attur kien akkumula dejn ma' l-istess konvenut li kien jammonta ghal elf u mitt lira Maltija (Lm1,100), minhabba negozji lleciti fil-bejgh tad-droga u peress li l-attur ma kellux flus biex ihallas lill-konvenut Twanny Tanti, minflok ftehmu li l-attur ibiegh lill-konvenut il-mutur bil-prezz ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500), minnhom jitnaqqsu l-ammont ta' elf u mitt lira Maltija (Lm1,100) li l-istess attur kellu jtih fuq in-negozju ta' bejniethom fuq id-droga, u l-bilanc jithallas permezz ta' konsenja ta' tletin (30) gramma kokaina lill-attur, kif fil-fatt gara.

Illi din il-verzjoni hija kkoroborata mill-istess *statement* ta' l-attur li kien ghamel mal-Pulizija li jinsab esebit fl-atti proceswali, mentri minn naha l-ohra l-verzjoni tal-konvenut li in verita' huwa kien hallas flus kontanti, *nonostante* li hemm miktub fl-iskrittura, tinsab kontradetta anke mix-xhieda ta' Alfred Sammut, li ghalkemmm gie ndikat u ffirma l-istess skrittura bhala xhud, sostna anke mal-Pulizija, li huwa ma ra l-ebda flus kontanti jghaddu minghand l-istess konvenut ghal ghand l-istess attur. Dwar li l-konvenut kellu x'jaqsam mad-droga almenu f'dawk iz-zmienijiet ma hemm l-ebda dubju u dan huwa kkoroborat mix-xhieda ta' l-attur innifsu u wkoll mid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika vs Anthony sive Twanny Tanti"** ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' April 1999.

Illi f'dan is-sens ma hemm l-ebda dubju ghall-Qorti li dwar il-hlas l-istess skrittura fuq indikata hija simulata, *stante* li minflok prezz, l-istess attur *ex admissis* thallas bid-droga.

Illi l-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi trattata fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi fattwali hija dik moghtija fl-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Anthony Tanti li l-azzjoni promossa mill-attur hija bbazata fuq kawza llecita. Illi pero' huwa rilevanti li jinghad li l-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvinzjoni minhabba kawza illecita' tista' tigi sollevata u

qed tigi wkoll sollevata mill-Qorti *ex ufficio* u dan kif gie ritenut f'diversi sentenzi inkluzi **"Charles Pace et vs Philip Agius"** (Vol. XLID p.683) u **"Julian Borg et vs Carmel Brignone"** (A.C. (JSP) (CLA) (JDC) - 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII.ii. 435) li ghalihom qed issir riferenza.

Illi din l-eccezzjoni hija bbazata kemm fuq l-**artikolu 987** li jipprovdi li meta kawza hija llecita, l-obbligazzjoni hija bla ebda effett u kif ukoll bhala effett ta' l-**artikolu 991 (2)** li jipprovdi li *"jekk il-kawza hija illecita ghaz-zewg partijiet, ebda wahda minnhom, jekk ma tkunx minuri, ma tista' titlob dak li tkun tat lill-ohra, …..".*

Illi abbazi ta' dawn id-dispozizzjonijiet u b'applikazzjoni ghall-fatti tal-kaz odjern, ma hemm l-ebda dubju li l-ghoti jew traffikar tad-droga bhala korrispettiv ghat-trasferiment ta' mutur, jikkostitwixxi kawza llecita u addirittura llegali, w ghalhekk tali ftehim ghandu jigi ddikjarat bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan abbazi ta' l-**artikolu 987 tal-Kap 16.**

Illi izda l-kwistjoni ma tiqafx hawn *stante* li jekk jirrizulta li l-kawza hija llecita ghaz-zewg partijiet, allura *nonostante* li l-obbligazzjoni tigi dikjarata bhala nulla, l-parti jew l-ohra ma jkollhiex dritt titlob lura dak li tkun tat hija lill-parti l-ohra, u dan b'eccezzjoni ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 1716** dwar loghob ta' l-azzard, dan ta' l-ahhar pero' ma ghandux x'jaqsam mal-kawza odjerna.

Illi dan huwa sancit abbazi ta' dak li jghid **Andrea Torrente** li *"l-ordinamento guridico non riconosce e non tutela l-autonomia privata se essa e' diretta a scopi contrari alla legge e alle concessione morali comunamene accolte. E percio' la causa e' illecita quando e' contraria a norme imperative, all'ordine pubblico e al buon costume; l-illecita' della causa produce la nullita' dell' negozio".*

Illi l-istess gurista jkompli jghid li:-

*"A rigore, si e' stata eseguita una prestazione in esecuzione di un negozio avente causa illecita, essendo il-*

*negozio nullo e non producendo alcun effetto, chi l-ha eseguita avrebbe diritto ad ottenere la restituzione di cio' che ha dato. Invece in virtu di una tradizione che risale al diritto romano, la repitizione non e' sempre ammessa. Bisogna tener presente l riguardo che' l-immoralita' puo' essere unitalerale o bilaterale: se per liberare la persuna a me cara che' e' stata sequestrata dai banditi, pago la somma richiesta da costoro, non commetto, certo, azione immorale; l-immoralita' e' solo dalla parte dell'accipiens ed in quest'ipotesi il diritto di chiedere la restituzione di quonto sia stato pagato e' ovviamente senz'altro riconsciuto all'interessato.*

*Tale diritto, in vece, deve essere negato se il-pagamento deve considerarsi immorale anche in relazione a chi effettua la prestazione (esempio di colui che da denaro per corrompere un pubblico funzionario). 'In pari causa turpetudinis melior est condicio possidentis; neo auditur propriam turpitudinem alligans: non si vuole dare ascolto a colui che deve confessare la propria turpitudine per ottenere la restituzone".* **Manuale di Diritto Privato** (pagna 203).

Illi dan huwa l-ezami li ghandu jsir sabiex jigi determinat jekk minn naha l-wahda l-eccezzjoni tal-konvenut Anthony Tanti ghandhiex tigi accettata, li l-konsegwenza taghha, kontrarjament ghal dak li jghid l-attur fin-nota tal-osservazjonijiet tieghu, hija li huwa ma jkollux dritt ta' restituzzjoni ghall-mutur li huwa kkonsenja lill-konvenut medesimu. Infatti fl-opinjoni tal-Qorti dan jirrizolvi ruhu fl-applikazzjoni proprja ta' l-**artikolu 991 (2)** fuq indikat, u jekk dan huwa applikabbli ghall-kaz odjern, mela allura jkun ifisser li l-azzjoni attrici ma tkunx tista' tirnexxi.

Illi harsa lejn in-negozju attwali li sar bejn l-attur u l-istess konvenut, jidher li l-attur ittrasferixxa lill-konvenut l-istess mutur, u dan ghall-valur ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500), li kontrarjament ghal dak li nghad fl-istess imsemmija skrittura bejn il-firmatarji ta' l-istess, tali ammont ma thallasx bi flus kontanti, izda permezz ta' negozju ta' bejgh ta' droga li l-attur ircieva minghand il-konvenut Twanny Tanti, u dan huwa ammess addirittura mill-attur

innifsu; dan ifisser li allura l-pagament li kellu jircievi l-attur u li fil-fatt ircieva, kif ammess minnu, kien trasferiment ta' droga, li huwa mhux biss illecitu izda llegali u reat fih innifsu, w ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-kawza kienet illecita' anke ghall-attur, u dan anke fl-isfond ta' dak li qal l-attur stess fin-nota ta' l-osservazjonijiet tieghu fejn ikkwota lill-gurista ***Laurent.***

Illi fil-fatt jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni dak li qal l-istess gurista ***Laurent***, insibu li dan sostna is-segwenti:-

*"Nei contrati a titolo oneroso la causa si confonde con l'oggetto, cioe' con la cosa che una delle parti si obbliga a fare o a dare. Per i contrati bilaterali cioe' e da tutti ammesso. Abbiamo detto quale e' la causa della obbligazione contratta dal compratore; essa e' la cosa che il venditore si obbliga dargli. E quale e' la causa della obbligazione contratta dal venditore ? Egli si obbliga a trasferire la proprieta' della cosa per ricevere il prezzo che il-compratore si obbliga a pagargli. La cosa dunque promessa dal compratore e' la causa della obbligazione del venditore, e la cosa promessa dal venditore e' la causa_della obbligazione del compratore"* (**Diritto Civile**, Vol. XVI. p. 108-109 para 110).

Illi l-awtur ***Ricci*** jispjega: *"Se il contratto e' bilaterale, importando esso un'obbligazione reciproca tra i contrenti, la restrizione della liberta' impostasi da uno di essi e' il movente della restrizione impostazi dall'altro, o, in altri termini, l'obbligazione dell'uno e causa dell'obbligazione dall'altro. Se mi domandi, perche'' mi sono obbligato a privarmi del mio fondo: rispondo, perche' colui che lo acquista me ne paga il prezzo; e se lo domandi al compratore perche' ha assunto l'obbligo di pagare il prezzo, ti rispondera perche' l'alienante si e' obbligato a cedergli la cosa the gli appartiene; e cosi' apparisce chiaro che essendosi ciascun contraente obbligao perche' si e obbligato l'altro, l'obbligazione dell'uno costituisce necessariamente la causa dell'obbligazione dell 'altro " (Ricci,* ***Diritto Civile***, Vol. VI, p.53).

Illi fis-sentenza riportata fil-Vol. XXXII.i.574 inghad: "Huwa *risaput ukoll illi f'obbligazzjonijiet, kif inhu l-kuntratt tal-*

*bejgh, dak li huwa oggett ghall-wiehed huwa kawza ghall-iehor. Ghalhekk kwalunkwe haga li tkun projbita mill-ligi bhala oggett, jew li tkun projbita mill-ligi bhala kawza ta' dak il-kuntratt, per mezz ta' bejgh u xiri, ma tkunx tista' taqa' f'kuntrattazzjoni ".*

Illi dan ifisser li l-kawza tal-kuntratt ghall-attur kien l-akkwist ta' l-istess imsemmija droga w ghalhekk li anke abbazi ta' dawn il-kwotazzjonijiet moghtija mill-attur innifsu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu jidher car li l-kawza tal-kuntratt kienet illecita' wkoll ghall-attur li accetta li jithallas permezz ta' droga minflok bi flus kontanti, u dan apparti li parti mill-valur ta' l-istess mutur kien pacut minhabba negozji li kien ghamel ma' l-attur ghall-akkwist tad-droga, li taghha kien baqghalu jaghti lill-istess konvenut Anthony Tanti l-ammont ta' elf u mitt lira Maltija (Lm1,100), kif huwa stess irrakonta fix-xhieda tieghu.

Illi tali insenjamenti gew adottati mill-Qrati Maltin u l-Qorti hawn tirreferi kemm ghas-sentenza **"Pietro Muscat vs Adeleide Farrugia et"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar 1931 (Vol. XXVIII.i.I) kif ukoll ghad-decizjoni **"Giovanni Scicluna vs. Filippo Abela"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Mejju 1945 (Vol. XXXII.i.574) u **"Mary Carmela Smith vs. Richard Lawrence"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1931 (Vol. XXVIII.ii.4), u anke dik fl-ismijiet **"Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri et"** (A.C. (CLA) 14 ta' Novembru 1996) fejn inghad li:-

*"Skrittura li tohloq obbligazzjonijiet illeciti in kwantu jikkontemplaw sitwazzjonijiet li huma projbiti mill-ligi jew kuntrarju ghall-ordni pubblika ma tistax titnissel minnha l-ebda azzjoni civili".*

Illi dan huwa iktar car meta l-istess attur jghid u addirittura jammetti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li *"fil-kaz taghna l-causa tal-konvenuti kienet l-akkwist tal-mutur Shadow Honda. Minn naha l-ohra l-causa ta' l-esponent, li f'dan il-kaz kien il-venditur, kien dak li gie mwieghed mill-konvenuti, jigifieri d-droga".*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe, li l-eccezzjoni tal-konvenut Anthony Tanti ghandha tigi milqugha, fis-sens li l-azzjoni ttenta mill-attur hija wahda ibbazata fuq kawza illecita u dan *stante* li n-negozju dwar il-mutur bejn l-attur u l-konvenut kien ibbazat fuq kawza llecita. Ghalhekk tali ftehim huwa null u bla effett skond il-ligi, b'dan li tali eccezzjoni in verita' tolqot biss in parte l-ewwel talba fejn qed tintalab ir-rexxissjoni u t-tieni u t-tielet talba attrici, *stante* li b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 991 (2)** la darba l-istess attur kien kompartecipi f'dan in-negozju u l-kawza tal-kuntratt kienet ghalhekk illecita ghalih, ma ghandux ebda dritt ta' restituzzjoni fil-konfront tal-konvenut.

Illi dwar l-artikoli citati ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici l-**artikolu 2153** jirreferi ghall-azzjoni ta' danni preskrivibbli bl-gheluq ta' sentejn certament ma tapplikax ghall-kaz *de quo;* Illi lanqas l-**artikoli 1222 u 1224 tal-Kap 16** li jirreferu ghall-preskrizzjoni ta' sentejn ta' azzjoni ta' rexxissjoni minhabba zball, vjolenza jew ghemil doluz, u fit-tieni kaz ghal rexxissjoni ghar-ragunjiet ohra fejn tapplika l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin, *stante* li dan ma huwiex kaz ta' rexxissjoni, izda ta' simulazzjoni u ta' nullita' ta' kuntratt *ab initio* li l-preskrizzjoni ta' l-istess hija tletin (30) sena kif deciz fis-sentenza **"Joseph Peplow vs Ferdinando Galea"** (A.C. 7 ta' Marzu 1955 – XXXIX. I. 366), w ghalhekk l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni qed tigi michuda.
Illi anke it-tieni eccezzjoni hija wkoll inecceppibli *stante* li l-fatt li l-mutur *de quo* jinsab esebit fl-atti tal-kawza kriminali kontra l-konvenut Anthony Tanti, hija irrelevanti ghall-mertu tal-kawza odjerna li titratta r-relazzjoni bejn il-partijiet odjerni.

Illi rigward l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, Lilian Gauci, dawn ghandhom jigu milqugha *stante* ma kenitx kompartecipi fl-istess ftehim bejn l-attur u l-konvenut Twanny Tanti, mertu tal-kawza odjerna.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta, Lilian Tanti, u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li tichad l-ewwel u t-tieni, u r-raba` eccezzjoni tal-konvenut Anthony Tanti, u wkoll tichad it-tielet eccezzjoni wkoll ta' l-istess konvenut Anthony Tanti, *stante* li **l-artikoli 1222, 1224, u 2153 tal-Kap 16,** li jirreferu (l-ewwel zewg artikoli) ghall-preskrizzjoni ghall-kawza ta' rexxissjoni ta' kuntratt b'perjodi ta' sentejn u hames snin rispettivament, u fl-ahhar artikolu citat, preskrizzjoni ta' sentejn ghall-kawza ta' danni, ma jappplikawx ghall-kaz in ezami, u filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Anthony Tanti datata 10 ta' Marzu 1999, ghal dak li jirrigwarda it-tieni u t-tielet talba attrici u dan abbazi ta' dak provdut fl-**artikolu 991 (2) tal-Kap 16, u filwaqt li konsegwentement tichad dik il-parti ta' l-ewwel talba attrici fejn qed tintalab ir-restituzzjoni tal-mutur *de quo,* u tichad ukoll it-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici fil-konfront tal-konvenut Anthony Tanti, tilqa' biss in parte l-ewwel talba attrici** b'dan li**:-**

(1) Tiddikjara li l-bejgh tal-mutur tal-marka Honda Shadow bin-numru ta' registrazzjoni G – 5120 (M) huwa null u bla effett minhabba li huwa bbazat fuq kawza llecita u dan b'applikazzjoni **ta' l-artikolu 987 tal-Kap 16.**

Illi l-ispejjez, inkluzi dawk tal-konvenuta, Lilian Tanti, ghandhom jigu sopportati, *stante* n-natura tal-kaz, nofs bin-nofs bejn l-attur u l-konvenut Twanny Tanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------